# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta ta' nhar l-Erbgha hamsa (5) ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 35/02 FDP**

**Kummissarju ta' l-Art u, b'digriet tal-24 ta' Mejju 2017,
l-atti gew assunti mill-Awtorita tal-Artijiet**

**vs**

**Joseph Bugeja, Paul Bugeja, Vincent Camilleri bhala direttur a nom u in rappresentanza tad-Ditta Vica (Malta) Limited u Dr Paul Lia u l-PL Carmen Depasquale nominati kuraturi deputati b'digriet tat 12 ta' Ottubru 1982 biex jirrappresentaw il-wirt battal ta' Andrea Bugeja; u b'digriet tat 12 ta' Settembru 2003, Dr Dorianne Vella u l-PL Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi ta' Joseph Bugeja, Paul Bugeja u Andrea Bugeja; u permezz ta' digriet datat 11 ta' Jannar 2016, Maria Dolores Bugeja, mart Paul Bugeja, kif ukoll Carmen Bugeja u Victoria De Brincat, ulied Paul Bugeja, assumew l-atti ta' Paul Bugeja wara il-mewt tieghu; u permezz ta' digriet ta' l-1 ta' Marzu 2017 Dr Dorianne Vella giet sostitwita b'Dr Yanica Bugeja.**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mill-Kummissarju ta' l-Art fit-30 ta' Ottubru 2002 fejn ippremetta illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ta' Ftehim datat 5 ta' Frar 1980 fejn gew infurmati illi tlett bicciet art gewwa Santa Venera ossija (a) bicca art tal-kejl ta' **67** metri kwadri, li tmiss minn-nofsinhar ma' proprjeta tas-Sur Anthony Attard, Punent u Grigal ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta Ltd) u oħrajn, (b) bicca art tal-kejl ta' **649.7** metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u punent ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn u (c) bicca art tal-kejl ta' **1248.9** metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u l-Lvant ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn gew lkoll akkwistati b'titolu ta' xiri assolut bhala liberi w franki u r-rikorrent kien dispost joffri kumpens ta' Lm148.40 għad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u Lm157.60 għall-Utilista Vica (Malta) Ltd, b'kollox is-somma ta Lm306 ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (a), kif ukoll Lm144.50 għad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u Lm1.00 bhala valur nominali għall-Utilista Vica (Malta) Ltd ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (b) u Lm277.75 ghad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u ta' Lm1.00 bhala valur nominali għall-Utilista Vica (Malta) Ltd ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (c), kif jidher mir-rapport tal-Perit Francis Spiteri A & CE tas-27 ta' April 1979.

Illi b'ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 1982, Vincent Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Vica Limited ddikjara illi ma jaccettax il-kumpens offert u illi dan ghandu jkun ta' sitta u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltin, u sitta u disghin centezmu u zewgt millezmi. (Lm26,857.96,2);

Illi b'ittra ufficjali ohra datata 23 ta' Novembru 1982 Joseph u Paul Bugeja fost affarijiet ohra ddikjara illi ma jaccettax il-kumpens offert u illi dan ghandu jkun ta' elf, erbgha mija u sitta u tletin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm 1,436.38) ghal bicca art immarkata (b) u elfejn u sebgha mija u disgha u hamsinlira Maltija u sitt centezmi (Lm 2,759.06) ghal bicca art immarkata (c) filwaqt illi ma kkontestawx il-valur tal-bicca art mmarkata (a);

Kien ghalhekk illi r-rikorrenti talab lill-Bord jordna lill-intimati biex jittraferixxu b'titolu ta' xiri assoluta bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv u jinnomina nutar biex jippubblika l-kuntratt f'data u hin stabbilit mill-Bord kif ukoll jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci, u dana skond id-disposizzjonjiet tal-Kap 88 (gia Kap 136).

Ra illi s-socjeta Vica Limited ippresentat risposta fit 13 ta' Novembru 2002 fejn insistiet fuq it-talba taghha kif dedotta fl-Ittra Ufficjali.

Ra illi l-Bord appunta lill-Periti Joseph Mizzi u David Pace sabiex jassistu l-Bord fit 12 ta' Settembru 2003. (fol 18)

Ra ir-risposta tal-kuraturi Dr Paul Lia u l-PL Carmen Depasquale ippresentata fil 5 ta' Settembru 2003 fejn sahqu illi ma kienux edotti mill-fatti filwaqt illi talbu lir-rikorrent jiddikjara jekk il-wirt ta' Andrea Bugeja kienx ghadu battal a tenur ta' l-Artikolu 859 u 830 tal-Kodici Civili. (fol 22!)

Ra il-pjanta ta' l-art esebita mir-rikorrent fil 31 ta' Mejju 2004 a fol 26-27 tal-process.

Ra illi fit 22 ta' Novembru 2007 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi, minghajr ma esebixxa ebda dokumentazzjoni!! (fol 43)

Ra in-nota tas-socjeta Vica Limited ippresentata fis 7 ta' Ottubru 2010 fejn indikat illi uhud mill-artijiet meritu tal-kawza odjerna huma gia il-meritu ta' kawza 44/00 (fol 54).

Ra illi fis 7 ta' Frar 2012 ir-rikorrent ippresenta rikors ghal-legitimazzjoni tal-atti ta' Joseph Bugeja, Paul Bugeja u Andrea Bugeja, fejn il-Bord ordna illi jigu ppresentati dokumentazzjoni ulterjuri.

Ra illi fid-29 ta' Marzu 2012 ir-rikorrent ippresenta kopja ta' l-istima tal-artijiet maghulha mill-Perit Francis Spiteri fis 27 ta' April 1979 (fol 73) kif ukoll il-pjanta ta' l-artijiet meritu tal-kawza odjerna, ossija dawk immarkati 4B, 6A u 9A.

Ra illi fis 6 ta' Settembru 2012 ir-rikorrent regghha ippresenta rikors ghal-legitimazzjoni tal-atti ta' Joseph Bugeja, Paul Bugeja u Andrea Bugeja, liema rikors intlaqa fit-12 ta' Settembru 2012 u Dr Dorianne Vella u l-PL Gerald Bonello gew nominati fit 30 ta' April 2013.

Ra illi fil 25 ta' Gunju 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Ra illi fl-10 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent ippresenta, permezz ta' nota, kopja ta' l-Avviz Nru 376 ppubblikata fit 13 ta' April 2004 fejn parti mill-Plot 6A giet rilaxxjata bir-rizultat illi l-aryt fil-pussess tar-rikorrent issa kien tal-kejl ta' **547.7** metri kwadri u mhux 649.7 metri kwadri, kif kien precendentement.

Ra illi fl-20 ta' Mejju 2015 is-socjeta Vica Limited ippresentat nota b'dokumenti fejn sahqet illi l-propjetajiet meritu tal-kawza odjerna gia gew kkunsidrati fil-proceduri decizi mill-Qorti tal-Appell Rik Nru 43/00 kif ukoll dak li kien ghad fadal gie rilaxxjat permezz ta' Avviz Nru 376 tas-sena 2004 (fol 121) u ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Ra illi dana il-Bord, kif kostitwit, ha konjizzjoni tal-atti fl-14 ta' Ottubru 2015.

Ra illi fis 16 ta' Novembru 2015 il-Membri Teknici ippresentaw nota fejn gharrfu lill Bord illi fis 7 ta' Jannar 2005 huma kienu gia ppresentaw ir-rapport taghhom u, filwaqt illi regghu ippresentawh, indikaw ukoll il-valur illi l-istimi taghhom kellhom ikunu bil-konverzjoni tal-Euro. (fol 127)

Ra illi fit-18 ta' Novembru 2015, permezz ta' digriet ta' dana il-Bord, Maria Dolores Bugeja, mart Paul Bugeja, kif ukoll Carmen Bugeja u Victoria De Brincat, ulied Paul Bugeja, assumew l-atti ta' Paul Bugeja wara il-mewt tieghu. (fol 130).

Ra illi fit-8 ta' Gunju 2016 is-socjeta Vica Limited ippresentat stima tal-Perit Mark Camilleri datat 19 ta' Mejju 2015. (fol 142)

Ra l-Avviz tal-Ftehim datata 5 ta' Frar 1980 ippresentat mir-rikorrent fit 8 ta' Gunju 2016 (fol 147).

Ra illi fil 25 ta' Novembru 2016 ir-rikorrent ippresenta domandi in eskussjoni, illi ghalihom ir-rikorrent iddikjara fit 18 ta' Jannar 2017 li jistrieh fuq ir-risposti illi saru fl-atti tal-kawza 33/02 (fol 153).

Ra illi fl 1 ta' Marzu 2017, Dr Dorianne Vella giet sostitwita b'Dr Yanika Bugeja (fol 155-157)

Ra illi fl 1 ta' Marzu 2017 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali bil-miktub.

Ra illi fl-1 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent iddikjara illi ser jistrieh fuq il-provi illi hemm.

Ra is-sottomissjonijiet tas-socjeta Vica Limited ippresentati fl-24 ta' Mejju 2017.

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 il-Bord laqa t-talba tar-rikorrent illi l-atti odjerni tal-Kummissarju tal-Art jigu assunti mill-Awtorita tal-Artijiet stabbilita a tenur ta' l-Kap 563 tal-Ligjiet ta' Malta intitolat Att Dwar l-Awtorita' Tal-Artijiet.

Ra illi, stante illi s-sidien ma' talbux illi l-proceduri odjerni jigu decizi skond id-disposizzjoni tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat Att Dwar Artijiet tal-Gvern illi dahal in vigore fil-25 ta' April 2017, a tenur ta' l-Artikolu 78 ta' l-istess Kap 573 il-proceduri odjerni "*ghandhom jkunu regolati bil-ligijiet sostantivi li kienu fis-sehh qabel il-bidu fis-sehh*" tal-Att 573, jigifieri a tenur ta Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra illi fl-24 ta' Mejju 2017 il-kawza, wara illi kienet li nbdiet ftit anqas minn hmistax-il (15) sena qabel, thalliet ghas-sentenza.

## Ikkunsidra

Jirrizulta illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ta' Ftehim datat 5 ta' Frar 1980 gew infurmati illi tlett bicciet art gewwa Santa Venera ossija (a) bicca art tal-kejl ta' **67** metri kwadri, li tmiss minn-nofsinhar ma' proprjeta tas-Sur Anthony Attard, Punent u Grigal ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta

Ltd) u oħrajn, (b) bicca art tal-kejl ta’ **649.7** metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta tal-Gvern, u Grigal u punent ma’ propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn u (c) bicca art tal-kejl ta’ **1248.9** metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta tal-Gvern, u Grigal u l-Lvant ma’ propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn gew lkoll akkwistati b’titolu ta’ xiri assolut bhala liberi w franki u r-rikorrent kien dispost joffri kumpens ta’ Lm148.40 għad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u Lm157.60 għall-Utilista Vica (Malta) Ltd, b’kollox is-somma ta Lm306 ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (a), kif ukoll Lm144.50 għad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u Lm1.00 bhala valur nominali għall-Utilista Vica (Malta) Ltd ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (b) u Lm277.75 ghad-Direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u ta’ Lm1.00 bhala valur nominali għall-Utilista Vica (Malta) Ltd ghal-skopijiet ta' trasferiment ghal bicca art markata b'ittra (c), kif jidher mir-rapport tal-Perit Francis Spiteri A & CE tas-27 ta' April 1979.

Jirrizulta illi b’ittra ufficjali tal-24 ta’ Novembru 1982, Vincent Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta’ Vica Limited ddikjara illi ma jaccettax il-kumpens offert u illi dan ghandu jkun ta’ sitta u ghoxrin elf, tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltin, u sitta u disghin centezmu u zewgt millezmi. (Lm26,857.96,2);

Jirrizulta illi b'ittra ufficjali ohra datata 23 ta' Novembru 1982 Joseph u Paul Bugeja fost affarijiet ohra ddikjara illi ma jaccettax il-kumpens offert u illi dan ghandu jkun ta’ elf, erbgha mija u sitta u tletin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm 1,436.38) ghal bicca art immarkata (b) u elfejn u sebgha mija u disgha u hamsinlira Maltija u sitt centezmi (Lm 2,759.06) ghal bicca art immarkata (c) filwaqt illi ma kkontestawx il-valur tal-bicca art mmarkata (a);

Jirrizulta illi Dr Paul Lia u l-PL Carmen Depasquale, bhala kuraturi tal-wirt battal ta’ Andrea Bugeja, iddikjaraw illi ma kienux jaqblu mal-ammont offrut.

Jirrizulta illi l-art fuq indikata bhala porzjon (b) bicca art tal-kejl ta’ **649.7** metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta tal-Gvern, u Grigal u punent ma’ propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn kienet gia il meritu ta’ kawza Nru 43/2000 deciza, kemm fi stadju ta’ Prim Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, din ta’ l-ahhar fil 5 ta’ Dicembru 2014, u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata Vica Limited (fol 113), ghalhekk dana il-Bord ma huwiex ser jiehu aktar kunsiderazzjoni ta’ dina l-porzjon ta’ art ghal dak illi jirrigwarda d-drittijiet ta’ l-utilista Vica Limited.

Jirrizulta ukoll illi l-art fuq indikata bhala porzjon (c) bicca art tal-kejl ta’ **1248.9** metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta tal-Gvern, u Grigal u l-Lvant ma’ propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn kienet ukoll gia il meritu ta’ kawza Nru 43/2000 deciza, kemm fi stadju ta’ Prim Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, din ta’ l-ahhar fil 5 ta’ Dicembru 2014, u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata Vica Limited (fol 113), ghalhekk dana il-Bord ma huwiex ser jiehu aktar kunsiderazzjoni ta’ dina l-porzjon ta’ art ghal dak illi jirrigwarda d-drittijiet ta’ l-utilista Vica Limited.

Jirrizulta illi, ghalkemm hadd mill-partijiet ma pprezenta d-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta, jirrizulta skond l-Avviz Nru 376 a fol 104 tal-process, illi d-Dikjarazzjoni tal-President saret fis 16 ta’ Mejju 1975.

Jirrizulta illi, permezz ta’ Avviz nru 376 ippubbilkat fil-Gazzetta tal-Gvern tat 13 ta’ April 2004 (fol 104), parti mill-art formanti parti mill-porzjon (b) originalment tal-kejl ta’ **649.7** metri kwadr gie rilaxxjat favur is-sidien u ghalhekk il-kobor tal-porzjon ta’ l-art li ghandu jigi kkunsidrat minn dana il-Bord issa huwa ta’ **547.7** metri kwadri.

Jirrizulta illi l-Periti Joseph Mizzi u David Pace, li kienu gew appuntati sabiex jassistu l-Bord fit 12 ta' Settembru 2003, wara illi ghamlu access fit 23 ta' Marzu 2004, ippresentaw ir-rapport taghhom fl-4 ta' Jannar 2005 u, sussegwentement, fuq talba ta' dana il-Bord kif kostitwit, regghu ippresnetawh flimkien ma' nota ta' konverzjoni f'Euro.

Jirrizulta ili fir-rapport, huma ghamlu s-segwenti konkluzjonijiet:

*Huma kkunsidraw dan kollu, il-lokalita u kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwr l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bħala riżultat huma tal-opinjoni illi l-propjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala propjeta' agrikola u li l-valur tal-istess proprjeta kif deskritta fid-dokumenti esebiti ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' Lm170 ghad-Direttarji u ta' Lm185 ghall-Utilista ghall-bicca art (a), ta' Lm165 ghad-Direttarji u ta' Lm5 ghall-Utilista ghall-bicca art (b) u ta' Lm320 ghad-Direttarji u ta' Lm5 ghall-Utilista ghall bicca art (c).*

Jirrizulta illi, fin-nota tal-Membri Teknici tas 16 ta' Novembru 2015, l-istess Membri indikaw il-valur ta' l-art porzjon (a) illum f'Euro, bhala

*Ghall bicca art (a) €719.10 ghad-Direttarji u €782.55 ghall-Utilista.*
*Ghall bicca art (b) €697.55 ghad-Direttarji u €21.15 ghall-Utilista.*
*Ghall bicca art (c) €1353.60 ghad-Direttarji u €21.15 ghall-Utilista.*

Jirrizulta illi fil-periodu moghti minn dana il-Bord ghad-domandi in eskussjoni, ir-rikorrent ghamel domandi in eskussjoni u sussegwentement strieh fuq ir-risposti moghtija fil-kawza 33/02.

Jirrizulta illi, wara li qies id-dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiem il-Bord tul l-erbgha u ghoxrin sena illi ilha pendenti dina l-kawza, id-dewmien esagerax deddatt mill-inerzia tal-partijiet kollha, w il-konsiderazzjonijiet tal-abbli membri Teknici tal-Bord, dana il-Bord ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet originali ta' l-abbli Esperti Teknici tal-Bord fl-ottika tal-limitazzjonijiet imposti fuqu bil-Ligi, u dana fejn jirrigwarda l-porzjon tal-art (a) tal-kejl ta' 67 metri kwadri.

**Ikkunsidra**

Il-Bord, ghalhekk, jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art fuq indikata bhala porzjon (b) ossija bicca art tal-kejl ta' **649.7** metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u punent ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn kienet gia il meritu ta' kawza Nru 43/2000 '*Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Vica Limited*' deciza, kemm fi stadju ta' Prim Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, din ta' l-ahhar fil 5 ta' Dicembru 2014, u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata Vica Limited (fol 113), ghalhekk dana il-Bord ma huwiex ser jiehu aktar kunsiderazzjoni ta' dina l-porzjon ta' art ghal dak illi jirrigwarda d-drittijiet ta' l-utilista Vica Limited.

- L-art fuq indikata bhala porzjon (c) ossija bicca art tal-kejl ta' **1248.9** metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u l-Lvant ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn kienet ukoll gia il meritu ta' kawza Nru 43/2000 *Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Vica Limited*' deciza, kemm fi stadju ta' Prim Istanza kif ukoll mill-Qorti tal- Appell, din ta' l-ahhar fil 5 ta' Dicembru 2014, u dan kif jidher mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata Vica Limited (fol 113), ghalhekk dana il-

Bord ma huwiex ser jiehu aktar kunsiderazzjoni ta' dina l-porzjon ta' art ghal dak illi jirrigwarda d-drittijiet ta' l-utilista Vica Limited.

- L-art fuq indikata bhala porzjoni (a) bicca art tal-kejl ta' **67** metri kwadri, li tmiss minn-nofsinhar ma' proprjeta tas-Sur Anthony Attard, Punent u Grigal ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta Ltd) u oħrajn ma hija soggetta ghal ebda limitazzjonijiet kif fuq msemmija u ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata kollha.

- L-artijiet kollha ghandhom jitqiesu bhala art **agrikola**.

- Id-data tat-tehid tal-pussess ta' l-artijiet ghandu jitqies illi huwa it-**30 ta' Mejju 1975**, ossija gimghatejn wara id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 16 ta' Mejju 1975.

- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca artijet fuq imsemmija ghandu jkun is-segwenti:

  - Ghal porzjoni (a) tal-kejl ta' 67 metri kwadri, il-kumpens ghandu jkun ta':

    - €719.10 ghad-direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u
    - €782.55 ghall-utilista Vica Limited

  - Ghal porzjoni (b) issa tal-kejl rivedut ta' 547.7 metri kwadri, il-kumpens ghandu jkun ta' €588.04 ghad-direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u dana wara illi l-bord naqqas pro rata il-valur stabbilit mill-Membri Teknici biex jirrispekkja id-daqs imnaqqas tal- propjeta.

  - Ghal porzjoni (a) tal-kejl ta' 1248.9 metri kwadri, il-kumpens ghandu jkun ta' €1353.60 ghad-direttarji Joseph Bugeja u ohrajn

- L-imghax ghandu jiddekorri mit-**30 ta' Mejju 1975**.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu,

Jghaddi biex jaqta' u jiddeciedi dina l-vertenza billi

**Jilqa** t-talbiet tar-rikorrenti limitatament kif gej,

**Jasteni** milli jiehu konjizzjoni tat-talba ghal dak li jirrigwarda l-art fuq indikata bhala porzjon (b) bicca art tal-kejl ta' **649.7** metri kwadri u l-art fuq indikata bhala porzjon (c) bicca art tal-kejl ta' **1248.9** metri kwadri stante illi dawna gia kienu l-meritu tal-kawza '*Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Vica Limited*' deciza mill-Qorti tal-Appell fil 5 ta' Dicembru 2014, u dana **<u>fejn jirrigwarda biss</u>** id-drittijiet ta' l-utilista Vica Limited filwaqt illi tghaddi biex tiddecidihom fejn jirrigwardaw l-intimati kollha l-ohra.

**Jordna** lill-intimati kollha kif deskritti fl-avviz jittrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut bicctejn art gewwa Santa Venera ossija (a) bicca art tal-kejl ta' **67** metri kwadri, li tmiss minn-nofsinhar ma' proprjeta tas-Sur Anthony Attard, Punent u Grigal ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta Ltd) u oħrajn filwaqt illi

**Jordna** lill-Awtorita' tal-Artjiet sabiex thallas kumpens lill-intimati kollha kif deskritti fl-avviz is-sommom ta' **€719.10** ghad-direttarji Joseph Bugeja u ohrajn u **€782.55** ghall-utilista Vica Limited ghall-propjeta fuq deskritta (a) tal-kejl ta' 67 metri kwadri :

**Jordna** lill-intimati, b'eccezzjoni tas-socjeta Vica Limited, jittrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut bicca art gewwa Santa Venera ossija (b) bicca art tal-kejl ta' 547.7 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u punent ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn filwaqt illi

**Jordna** lill Awtorita' tal-Artijiet sabiex thallas kumpens lill-intimati, b'eccezzjoni tas-socjeta Vica Limited, is-somma ta' **€588.04** bhala direttarji ghall-propjeta fuq deskritta (b) tal-kejl ta' 547.7 metri kwadri, u

**Jordna** lill-intimati, b'eccezzjoni tas-socjeta Vica Limited, jittrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut bicca art gewwa Santa Vennera ossija (c) tal-kejl ta' 1248.9 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tal-Gvern, u Grigal u l-Lvant ma' propjeta tad-ditta Vica (Malta) Ltd u oħrajn filwaqt illi

**Jordna** lill Awtorita' tal-Artijiet sabiex thallas kumpens lill-intimati, b'eccezzjoni tas-socjeta Vica Limited, is-somma ta' **€1353.60** bhala direttarji ghall-propjeta fuq deskritta (c) tal-kejl ta' 1248.9 metri kwadri.

**Imghax** huwa dovut lilhom a tenur ta' l-Artikolu 12 (3) tal-Kap 88 fejn jigi ppuntwalizzat illi r-rikorrent ha pussess ta' l-art fid-30 ta' Mejju 1975.

**Jahtar** lin-Nutar tad-Dipartiment bhala Nutar tar-rikorrenti biex jippubblika l-att fil 5 ta' Ottubru 2017 fl-ufficju tar-rikorrenti u

**Jahtar** lill Dr Tanya Sammut Catania biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumacja u r-rikorrenti ghandu jgharraf lill Dr Tanya Sammut Catania tal-hatra taghhom bil-miktub.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-Awtorita tal-Artijiet u dak hemm stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mill-intimati u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur